KUNSILL LOKALI HAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

IS-SEBGĦA KUNSILL

SEDUTA NRU 36 – il-Ħamis 16 ta' Lulju 2015 fil-17.00hrs

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Sindku |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr.Marc Sant | MinorityLeader |
| | Is- Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |

1. INTRODUZZJONI

1.1 Il-laqgħa bdiet b'introduzzjoni mis-Sindku u qalet li rridu nżommu mal-ħin għax fis-7.30p.m. għandhom stedina mingħand il-Football Club. Hija stedniet lill-Kunsilliera jekk għandhomx korrezzjonijiet fuq il-minuti nr 35 il-Ħamis tal-11 ta' Ġunju 2015. Korrezzjonijiet ma kienx hemm għaldaqstant fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat minn Dr. Marc Sant, minuti nr 35 ġew approvati.

## 2. ARISING

2.1 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq kif ser tkun taħdem is-sistema li jinġibed l-ilma mill-Culvert li sar fi Triq Ġiovanni Barbara fejn l-HSBC huma l-*sponsors* fuq dan il-proġett. Din l-informazzjoni riduha l-HSBC anke biex ikunu jistgħu jieħdu r-ritratti. Is-Segretarju spjegat li trid titkellem mal-ħaddiema tal-Kunsill biex jispjegaw kif ser jinħadem il-proċess.

2.2 Is-Segretarju kompliet tgħid li dan il-proġett ser jitkompla wara l-Festa għax għalissa l-ELC ada qed tipprovdi l-ilma għat-tisqija tal-ġnien.

2.3 Il-Kunsilliera tkellmu fuq il-preparazzjonijiet għall-Festa imma l-ewwel u qabel kollox is-Sinjorina Stephanie Cutajar tkellmet fuq ilment li t-trukk tal-*garbage collection* qed iqattar u qed iħalli l-ħmieg u intiena fit-toroq fosthom fi Triq Il-Forn minn fejn tgħaddi il-purċissjoni. Hija issuġerit li l-Kuntrattur tal-Waste għandu iġib bowzer u jnaddaf ta' l-inqas id-dawra min fejn ser tgħaddi l-purċissjoni fil-Festa.

2.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li l-ġbir qed isir tard ħafna bil-konsegwenza li bix-xemx il-boroż jilħqu iqattru l-ilma minn ġo fihom ukoll bħal ma qed jiġri fi Triq id-Dejqa u r-residenti qed jispiċċaw kulħadd jorok it-triq.

2.5 Is-Segretarju qalet li meta kienet tkellmet mal-kuntrattur għax kien qed jinġabar tard ħafna wara nofsinhar, huwa ssuġerixxa li nerġgħu immorru għal ħin tat-tender u jibda jinġabar fis-7.00a.m. Hawnhekk bdiet diskussjoni mill-Kunsilliera fuq jekk jaqblux jew le ma' din il-proposta. Kulħadd ta' l-kummenti tiegħu u kien hemm min qabel u ma qabilx ma' din il-proposta. Dawk li qablu qalu li għandna ninfurmaw lir-residenti bit-tibdil tal-ħin u min ma qabilx qal li din mhux ser taħdem għax wara li jgħaddi l-iskammel xorta jibqa jinħareġ l-iskart barra.

2.6 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi ressqet ilment li waslilha mill-Każin tal-Labour qed jinħareġ l-iskart is-Sibt filgħaxija. Is-Segretarju nfurmat li hija kienet tkellmet ma' min qed jieħu ħsieb il-bar fejn qalu li mhux huma qed joħorġu l-iskart is-Sibt filgħaxija anzi huma jiġu apposta filgħodu kmieni biex joħorġu l-iskart. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hija ser terġa tkellem lil tal-Każin. Kunsilliera oħra qalet ukoll li rridu niċċekkjaw min verament qed joħroġ dan l-iskart peress li l-iskart jikkonsisti minn bottijiet tal-birra u affarijiet bħal dawn li rathom hija stess joħorġu l-iskart bil-lejl. Kemm is-Segretarju u kemm is-Sinjorina Lorraine Farrugia għandhom jerġgħu jitkellmu ma' tal-Każin biex tissolva din il-problema.

2.7 Kompliet id-diskussjoni fuq il-ħin ta' ġbir ta' l-iskart fejn kien hemm min qal li t-tender ħarġet bi żball fis-7.00a.m. imma fl-istess ħin ħadd m'għandu iwaħħal f'ħadd għax kulhadd kellu d-dritt li jiċċekkja il-ħin, imma dan ħadd ma għamlu.

2.8 Is-Sindku qalet li qatt u qatt kemm ilhom jeżiżtu l-Kunsilli ma nġabar daqshekk kmieni l-iskart. S-Sur Massimo Scerri qal li jekk jibda jinġabar filgħodu ser jinħoloq iktar ġammjaturi tat-traffiku.

2.9 Is-Segretarju spjegat li suppost l-iskart qed jinġabar fl-nofsinhar imma jekk il-kolletturi idumu jiġbru fil-lokal ta' qabel, il-ħin tal-kollezzjoni ta' Ħal Lija qed tittardja bil-konsegwenza li ż-żibel qed idum sa tard wara nofsinhar fit-toroq ta' Ħal Lija.

2.10 Is-Sur Massimo Scerri staqsa x'kien ġara mill-kwarela li kellha ssir lill-Kuntrattur tal-Waste Collection. Is-Segretarju nfurmat li Dr. Kris Balzan bagħat lil Spettur Ferris biex jitlob lill-Kunsill ta' San Gwann, l-ittra bil-firma iffalsifikata perss li dawn ta' l-aħħar ma ridux jagħtu kopja ta' din l-ittra meta mitluba mis-Segretarju Eżekuttiv ta' Ħal Lija. Is-Segretarju ta' San Gwann qal li din tingħata biss lill-Pulizija.

2.11 Is-Sur Massimo Scerri staqsa jekk f'din is-sitwazzjoni fejn hemm kwarela, tistax tiddetterminalu l-kuntratt.

2.12 Is-Segretarju qalet li l-ilmenti fuq it-tagħsir mhumiex jaslu daqshekk fl-uffiċċju tal-Kunsill, l-ilmenti li jaslu huma l-iktar fuq il-ħin tal-ġbir.

2.13 Ġie deċiż minn xi wħud mill-Kunsilliera li nitkellmu mal-kuntrattur biex fuq suġġeriment tiegħu stess, għalhekk ma għandix tkun problema, l-iskart jibda jinġabar fis-7.00a.m. jew 7.30a.m. u għandhna ninfurmaw lir-residenti b'ittra fuq dan it-tibdil. Għandna nfakkru lir-residenti ukoll li l-iskart għandnu jinġabar minn wara l-bieb u ma joħorġux affarijiet oħra bħal injam, ġebel u affarijiet oħra. Għandha ninfuraw lir-residenti li ser ikun hawn *enforcement* fuq dan. Dan l-avviż għandu jitqassam fil-ħwienet kif ukoll jingħata lill-Kappillan biex javża fil-quddies.

2.14 Is-Sindku filwaqt li taqbel li r-residenti għandhom jiġu edukati ukoll, qalet li fis-sitwazzjoni li qegħdin bejn il-Festa u s-Sajf m'għandna inċaqalqu xejn għalissa.

2.15 Is-Segretarju qalet li kienet diġa ntbatgħet ittra lir-residenti li l-iskart għandhu jinġabar fis-7.00a.m. u li għandu jinġabar minn wara l-bieb imma ma kienx hemm koperazzjoni imma fl-aħħar mill-aħħar il-Kunsill irid jiddeċiedi.

2.16 Kien hemm qbil li l-*Projects Manager* għandu jissorvelja iktar fuq dan il-kuntratt anke għandna nirsistu mal-Kuntrattur fuq il-problema tat-tagħsir.

2.17 Is-Sinjorina Stephanie Cutjar tkellmet fuq il-problema tal-ġbir tal-ħġieġ peress li qed jinħarġu ukoll ma l-iskart l-ieħor. Ġie deċiż li għandna ninfurmar lill-każini u bars li l-ġbir tal-ħġieġ jinġabar biss kull l-ewwel ġimgħa ta' kull xahar mill-GreenPak u ma għandux jinġabar mill-kuntrattur ta' l-ġbir ta' l-iskart.

2.18 Is-Segretarju nfurmat li għandna bħas soltu nikru bins għal Festa. Hija qalet li tlabna għal kwotazzjonijiet imma s'issa irċevejna waħda biss mingħand Braydon Azzopardi għal prezz ta' €220. Din hija bit-tindif b'kollox. Hija qed tistaqsi lill-Kunsill li jekk dawn il-bins ma jinkrewx mill-kuntrattur tal-Kunsill ser ikun hawn żewġ kuntratturi jiġbru l-iskart għal żmien il-Festa. Hija staqsiet lill-Kunsill jekk għandnix nistaqsu lill-Waste Collection biex jagħtina kwotazzjoni ukoll u ġie deċiż li għandna niġbru żewġ kwotazzjonijiet oħra inkluż mill-Waste Collection imma m'għadniex inħossuna marbutin li għandha tintagħżel tagħhom.

## 3. VIP LIST

3.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, staqsiet lis-Sur Marc Sant li kellu jerġa jiċċekkja fuq it-tariffi tal-Bye-Laws, peress li ġejna nfurmati minn Dr. Angle li iridu jiġu emendati u jitnaqqsu t-tariffi filwaqt li l-ewwel u qabel kollox ridna nagħmlu l-ħsieb darba fil-gazzetta tal-Gvern u darbtejn fil-gazzetti lokali bl-ingliż u bil-malti biex ir-residenti ikunu jistgħu jarawhom. Dr. Sant informa li peress li kien imsiefer u kien ġie il-ġurnata ta' qabel kmieni għadu ma ħadimx fuqha. Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, kompliet tgħid li l-qofol ta' l-*art exhibitions* kien minn Mejju u issa forsi *too late* biex isiru *exhibitions* il-Mitħna. Fuq il-ħsieb tal-bye-laws, is-Sindku nfurmat li kull ma rridu nagħmlu huwa li l-Kunsill għandu l-ħsieb li joħroġ dawn il-bye-laws, kull min hu interessat jista' jarahom l-uffiċċju tal-Kunsill

3.2 Resident li joqgħod nr 62, Seefeld, Annibale Preca xtaq jagħmel request għal mera quddiem id-drive way tiegħu. Dan għaliex meta il-karozzi ikunu pparkjati fuq in-naħa tax-xellug tat-*drive way* tiegħu ikun hemm periklu għax jagħmluha diffiċli biex joħroġ mill-garage tiegħu. Il-Kunsill qabel ma' din ir-request imma irridu ninfumaw lir-resident li din

ser isir imma mhux għalissa. Din għandha tiżdied fuq il-*waiting list* li diġa teżisti.

3.3 Is-Segretarju nfurmat b' e-mail li l-Kunsill kien irċieva mingħand Johanna Caruana l-Accountant fejn qed tinforma lill-Kunsill li tixtieq tieqaf mis-servizzi tagħha minħabba kwistjonijiet ta' saħħa. Inħarġet it-tender li ser tagħlaq nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju 2015. Sal llum il-Ħamis 16 ta' Lulju inġabru tlett tenders. Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa jekk kienux ser jinħarġu t-tenders pendenti l-oħra ma' din tas-servizz ta' l-Accountant. Is-Segretarju nforma li t-tender tal-latrina ser tinħareġ f'Ottubru flimkien mal-kuntratt tad-Dawl imma sadanitant qed jiġu ppreparati t-tender documents. Hija qalet li ta' l-Accountant kienet urġenti għalhekk kellha tinħareġ malajr. Ġie deċiż li nhar it-Tlieta 28 ta' Lulju 2015 fil-12.15p.m. jinfetħu t-tenders ta' l-Accountant u min mill-Kunsilliera ikun jista' jiġi biex jinfetħu t-tenders.

## 4. SOSPENSJONI TAL-LAQGĦA

4.1 Il-laqgħa ġiet sospenduta fis-17.49p.m. peress li ġie resident minn ta' Senna, minn Triq Nazju Cortis, għax jixtieq jagħmel request biex isir xi ħaġa fl-area kollha Ta' Senna minħabba li issa wasal iż-żmien tal-festa. Hu qal li minħabba li jitilgħu ħafna nies hemm fuq biex jaraw in-nar, ir-residenti ma jkollhomx fejn jipparkjaw il-karozzi u għalhekk hija diffikulta biex huma jmorru lura d-dar. Huwa ġie jitkellem għan- nom tar-residenti kollha ta' din l-area li minħabba li s-siġar ġew maqtugħin ser tkun iktar faċli li n-nies imorru jaraw l-esebizzjoni tan-nar mill-area tagħhom. Xi kultant jitilgħu anke privates bin-nies. Is-Sindku qalet li din il-problema teżisti f'kull belt u raħal meta tkun il-festa imma jekk ir-residenti jiddeċiedu u jaqblu li nġibu warden għas-spejjes tagħhom, dan jistgħu jagħmluh. Ir-resident staqsa fuq il-permessi tal-gabbani għax anke gabbani jarmaw f'dik l-area. Il-Kunsill ikkonferma li ma jingħatawx permessi biex jarmaw gabbani f'dik l-area. L-uniċi permessi tal-gabbani li l-Kunsill jagħti huma dawk li jkunu armati fi Vjal it-Transfiguration u l-pjazza. Ġie deċiż li għandna ninfurmaw lill-Pulizija li qed jarmaw gabbani f'din l-area biex jagħmlu sorveljanza. Il-Kunsill anke nforma lir-resident li jekk jaraw gabbani fl-4, 5 jew 6 t'Awwissu

għandhom jinfurmaw lill-Kunsill immedjetament biex jintbagħat pulizija. Ġie ssuġerit ukoll jekk ir-residenti jaraw xi ħaġa għandhom huma stess jirrapurtaw lill-pulizija speċjalment wara nofsinhar meta l-uffiċċju tal-Kunsill ikun magħluq. Ir-resident kompla jgħid li l-karozzi jipparkjaw *four lane* fit-triq tiegħu. Din tniżżlet fuq il-lista fejn is-Sindku ser titkellem mal-Pulizija minħabba l-Festa.

4.2 Ir-resident minn ta' Senna tkellem fuq ix-xogħolijiet li qed isiru ġo Villa Francia. Huwa qal li tnaqqsu tmien *parkings* barra li l-kuntrattur iħalli Hi-up, tlett trukkijiet u cherry picker ipparkjati hemm fin-nofs filgħaxija. Huwa kompla jgħid li saru ukoll barriers tal-ħadid. Ir-resident tkellem mal-Pulizija u qallu li dan kollu huwa illegali. Dawn ilhom hemm għal tmien ġimgħat. Is-Segretarju qalet li meta staqsiet fuq meta ix-xogħolijiet ser ikunu lesti ma ingħatatx risposta b'data. Ġie deċiż li għandna nitkellmu mal-persuna li hija incharge fuq dawn ix-xogħolijiet.

4.3 Ir-resident xtaq jistaqsi jekk hemmx pjanijiet biex jitranġa ukoll il-ħajt fuq barra għax qed jaħdmu fuq il-ħajt ta' ġewwa biss. Huwa qal li dak il-ħajt huwa dobblu. Għandna nitkellmu ma min hu *in-charge* fuq dan il-proġett.

4.4 Huwa staqsa fuq jekk is-siġar li ġew *pruned* humiex ser jinqalgħu u jinbidlu u jiġu endemiċi u li jkunu mhux goffi. Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li għandna permess fejn jistgħu jinqalgħu xi wħud mis-siġar u nagħmlu siġar oħra, pero din ma tistax isir għalissa minħabba l-finanzi. Ir-resident offra li jekk hemm xi spejjes anke lesti li jidħlu huma r-residenti biex isir dan. Irridu nistaqsu lill-Joe ta' ELC biex jigwidana fuq dan.

4.5 Residenti iehor minn Triq Gużeppi Portelli ġie b'ritratti minħabba ir-request li huwa għamel biex isiru *one meter double yellow lines* ma kull ġenb tal-fetħa tal-garage tiegħu. Biex isiru dawn il-lines irid jintilef *parking space*. Il-maggoranza tar-residenti qed jilmentaw u ma jridux li jitneħħa dan il-*parking space*. Huwa qal li subajn ir-residenti tat-triq kollha qed jippuntaw lejh meta huma stess qed jagħlqu l-aċċess għall-garaxxijiet. Il-Kunsill iddiskuta din il-problema. Għandna niġbru n-number plates bir-ritratti u nirraportawhom lill-pulizija u anke nerġgħu nibgħatu reminders lill-Pulizija b'dawk in-number plates li konna bagħtnilhom u ma sar xejn fuqhom.

4.6 Il-laqgħa kompliet fis-6.05p.m. bir-request tas-Sur Mark Sciberras tal-Banda San Pio X fejn xtaq jagħmel request biex mill-1 t'Awwissu sa 6 t'Awissu 2015 ma jsirx parking fil-pjazza mill-kantuniera ta' Triq

R.Mifsud Bonnici l-fuq bħal postijiet oħra fi żmien il-festa. Kif ukoll jixtieq li mis-27 ta' Lulju 2015 sas 6 t'Awwissu bejn 6p.m. – 12.00a.m tkun magħluqa Sir Ugo Mifsud in-naħa tal-Każin ta' San Pio X. Kif ukoll fil-ġurnata tal-festa 6 t'Awwissu jingħalaq quddiem il-każin San Pio X il-ħin ta' filgħodu.

4.7 Wara li l-Kunsill iddiskuta dan kollu ġie deċiż li mill-ewwel sa tlieta t'Awwissu l-Kunsill jagħti permess biex ma jsirx parking fil-pjazza mill-kantuniera ta' Triq Robert Mifsud Bonnici l-fuq mis-7.00p.m. il quddiem u mil-4 sa 6 t'Awwissu bilfors ma jistax isir parking peress li jkun hemm il-gabbani tal-qubbajt armati. Għandna nagħmlu 'no parking signs' xorta waħda. Fuq it-tieni request, il-Kunsill aċċetta li fis-27 ta' Lulju u mill-01 t'Awwisu – sa 6 t'Awwisu tkun magħluqa Triq Sir Ugo Mifsud in-naħa tal-Każin u dan għandu jsir mis-7.00p.m. sa 12.00a.m.

4.8 Fuq it-talba sabiex nhar il-festa filghodu tinghalaq it-triq quddiem il-Kazin, qamet diskussjoni bejn il-kunsilliera. Dr. Sant qal li jiftakar li din gieli saret fl-ahhar snin u qal li hu ma jsibx oggezzjoni sakemm dan ma jkollux beda effett fuq il-festi esterni. Qal ukoll li bhala traffic management din ma jkollix effett kbir ghaliex il-karozzi jistghu jghaddu minn Triq is-Salvatur, Triq Fernand Gregh u minn Vjal it-Trasfigurazzjoni. Il-kunsilliera Stephanie Cutajar qalet li jekk il-kunsill jaghti permess lill kazin wiehed ikun irid jaghti permess lill ghaqdiet kollha li jaghmlu din it-talba. Gie maqbul li dan ikun jista' johloq precedent.

4.9 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li s-sena l-oħra kien sar żball għax ma ġewx iċċarġjati imwejjed u siġġijiet daqs kemm inħarġu. Is-Segretarju nfurmat li s-sena l-oħra kien inbagħat il-Contracts Manager biex jiċċekkja fuq dawn l-imwejjed. Huwa sab kollox sew meta fil-fatt

wara inħarġu iktar imwejjed. Għandna namgħlu iktar sorveljenaza fuq dan biex ma jerġax isir dak li sar is-sena l-oħra. Għandha tingħata il-lista ta' min ser jarma bl-imwejjed u siggijiet, lill-Contracts Manager biex isir iktar *enforcement* fuq dan.

4.10 Request ieħor mingħand residenta li tixtieq tagħmel request biex isir gradilja tal-plastic fuq il-bankina biex jgħaddi l-ilma tal-bitħa tagħha. Il-Kunsill qabel ma' din ir-request u din għandha ssir mill-ħaddiema tal-Kunsill imma peress li hemm lista ta' xogħolijiet pendenti, din trid tistenna wara min imissha.

4.11 Request iehor biex terġa isir *plastic bollard* li nkisret ma' dar no.43-44 fi Triq Merino. Il-Kunsill qabel ma' dan ir-request imma din għandha tiżdied mal-lista tal-*pending items*.

4.12 Resident minn Triq Mario Agius xtaq jagħmel request lill-Kunsill biex isir *re-freshing* ta' lines fi Triq Mario Agius u kif ukoll biex isiru 1mtr. double yellow lines mal-ġenb tal-garage tiegħu. Din għandha terġa tiġi diskussa mas-Sur Muscat tat-TM meta isir l-appuntament (ir-request sar). F'din it-triq hemm problema anke għal fatt li resident reġgħa ġie l-uffiċċju biex jagħmel reminder għal 'one meter double yellow lines ma ġenb tal-garage tiegħu. L-ewwel u qabel kollox għandu jiġi iċċekkjat mill-Pulizija jekk il-garaxx huwiex qed jintuża bħala garaxx jew le.

4.13 Residenta oħra tixtieq tagħmel request biex isir gradilja tal-plastic fuq il-bankina fi Triq Ħal Bordi biex jgħaddi l-ilma ta' xita u ma jibqax nieżel kollu fil-garage tagħha. Il-Kunsill qabel ma din ir-request imma bħal requests oħra din trid tiżdied mal-*pending list* li diħa għandna.

5. KOMMUNIKAZZJONI MINGĦAND IL-MINORITY LEADER, DR MARC SANT

5.1 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq jekk kienx hemm xi żviluppi fuq ir-rampa tal-Housing Estate. Is-Segretarju nfurmat li r-resident mar l-Awtorita' li din issir mill-gnien tieghu u ser issir mill-Housing Authority.

5.2 Il-Minority Leader Dr.Marc Sant staqsa fuq jekk kienetx saret l-attivita' għal Għawdex. Is-Segretarju tat rendikont fuq iż-żewġ attivitajiet li kienu saru dik ta' Sqallija u dik ta' Għawdex. Hija qalet li ż-żewġ attivitajiet saru u marru tajjeb ħafna. Għal Sqallija ma nġabrux numru ta' nies biżżejjed biex ikollna biljett b'xejn allura is-Sinjorina Stephanie Cutajar, il-Kunsilliera li telgħet mal-grupp biex tagħti servizz, ħallset il-biljett tagħha. Il-ħarġa għal Għawdex peress li ma nġabrux numru ta' nies li l-Kunsill ippjana cioe ta' 45 u inġabru 39, il-Kunsill mar minn taħt b' €46.90. Hija kompliet tgħid li qatt ma tista' tkun taf jekk kemm ser japplikaw. Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li jekk ma jkunx hemm bizzejjed nies jew tfal l-attivita ma ssirx u fuq first come first served basis. Ma nistghux imorru minn taht fuq attivitajiet.

5.3 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa fuq il-*Claims* li konna irċevejna fix-xitwa ta' Pantar Road peress li fl-iskeda kien hemm pagament minnhom. Peress li huwa tkellem ma' Kunsilli oħra, huwa xtaq jipproponi li dawn ma nħallsuhomx u jekk filkas itellgħu lill-Kunsill il-Qorti. Is-Segretarju nfurmat li kif kien ġie deċiż fl-aħħar laqgħa dawn ser jibdew jitħallsu *in order* kif waslu fl-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li fil-laqgħa ta-Kabinet li hija kellha kienet tkellmet mal-Prim Ministru fejn qaltlu li Triq Pantar ma nixtiequx li tkun parti minn Ħal Lija għax il-Kunsill ma jiflħax iħallas dawn il-*claims* kollha. Is-Segretarju nfurmat li r-residenti ġew nfurmati li ser jitħallsu dawn il-claims pero ser nagħmlu *cut off line* mill-laqgħa tal-Kabinet biex jekk jidħlu iktar claims, dawn ma jitħallsux.

5.4 Il-Minority Leader staqsa fuq ir-reklami fir-raħal li konna qegħdin niġbru. s-Segretarju nfurmat li min għandu tabelli tal-ħwienet inbagħtet ittra biex jiġu jħallsu għat-tabella tagħhom fil-Kunsill imma s'issa għadu ma ġie ħadd. Għandna nerġgħu naraw x'tabelli hemm għax forsi żdiedu iktar bħal per eżempju taċ-ċiniżi u nerġgħu nibgħatu l-ittri. Jekk filkas jibqgħu ma jħallsux dawn għandhom jinqalgħu.

5.5 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa fuq min qed jipparkja fuq iz-zuntier tal-Mirakli u l-Pjazza. Is-Segretarju qalet li għalkemm is-Sur Muscat kien qal li mhux problema għal dawk il-karozzi biex jipparkjaw ħdejn il-Kappella tal-Mirakli, xorta waħda intbagħtet request lit-TM bl-e-forms. Fuq ir-residenti li qed jipparkja fuq il-bankina tal-Pjazza għandna nitkellmu mar-resident biex ma jibqax jipparkjaw hemm.

5.6 Il-Minority Leader staqsa fuq il-Memo li ħarget mid-Dipartment fuq ir-restawr jekk konniex eliġibli li napplikaw peress li huwa qed jgħid li konna ser nitfgħu applikazzjoni fuq ta' l-Abbati. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li biex napplikaw għal Ta' l-Abbati ridna nieħdu permess mingħand il-Kurja. s-Segretarju qalet li meta tkellimna ma ikkonkludejna xejn fuq Ta' l-Abbati, imma konna qegħdin nitkellmu huwa fuq it-Torri u peress li dan kien devolut lill-Kunsill ma stajniex napplikaw.

5.7 Is-Sinjoirna Stephanie Cutajar staqsiet jekk konniex ħallasna ir-renewal tal-membership tal-Majjistral. Is-Segretarju nfurmat li dan għadu ma tħallasx u l-anqas kienet intbagħtet invoice jew reminder minn naħa tagħhom. Hija nfurmat li l-iskemi mal-Majjistral nistgħu nerġgħu napplikaw anke għal dik il-parti li l-Kunsill ikollu jħallas.

## 6. DATA TAL-LAQGĦA U APPROVAZZJONI TA' L-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

6.1 Ġie deċiż li l-laqgħa tal-Kunsill li imiss tkun nhar l-Erbgħa 19 t'Awwissu fil-5.00p.m.

6.2 Is-Segretarju resqet lista ta' pagamenti għal approvazzjoni tal-Kunsill u anke tal-petty cash. Il-Kunsilliera kollha qablu ma dawn il-pagamenti ħlief il-Minority Leader Dr. Marc Sant u s-Sinjoirna Lorraine Farrugia għal pagamenti nr 1 u 2 fuq il-lista, dawk tal-kuntratti tal-Waste Collection. Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjoirna Lorraine Farrugia l-iskeda tal-pagamenti u anke il-lista tal-petty cash ġiet approvata.

6.3 Hawnhekk il-Minority Leader ħareġ mill-kamra tal-Kunsill. Il-ħin kien 18.35 hrs

## 7. TKOMPLIJA TAL-VIP LIST

7.1 Waslet E-Mail mingħand resident għal speed hump minn naħa tal-Villa Francia u *no hooting sign.* Is-Sindku qalet li din ir-request ilha mill-Lulju 2014.

7.2 Il-Kunsill għandu speed hump waħda *available* u s-Segretarju reġgħet staqsiet lis-Sindku jekk kienetx iċċekjat jekk hemmx residenti joqgħodu Villa Videnza Triq Il-Mitħna biex inkunu nistgħu nwaħħlu l-speed ramp f'din it-triq kif kien ġie deċiż.

7.3 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet li fi Triq il-Kunċizzjoni ukoll kellna nagħmlu sleeping policeman. Kien ġie deċiż li għandha ssir petition mir-residenti ta' din it-triq l-ewwel. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li l-aħħar darba kienet ġiet residenta u din qed tgħid li ma sabitx għajnuna mill-uffiċċju tal-Kunsill. Hawnhekk is-Segretarju qabżet u qalet li ma jistax ikun daqs kemm naqduhom mil-koxxa lir-residenti. Hija qalet li lir-residenta stajna qegħdnilha li għandha ssir petizzjoni kif kien ġie miftiehem mill-Kunsill u jista jkun li r-residenta ma talbitx għal għajnuna biex tinkiteb din-il petizzjoni. Is-Sinjorina

Cutajar baqgħet issostni li din ir-residenta ma sibitx għajnuna biex isir din il-petizzjoni għax lil din ir-residenti temminha. s-Segretarju ukoll baqgħet tgħid li żgur jekk talbet l-għajnuna ta' l-uffiċċju kienet sibha. Is-Sinjoirna Cutajar għandna tikkuntatja lir-residenta u tibgħata l-uffiċċju biex naraw kif nistgħu ngħinuha.

7.4 Resident li joqgħod fi Triq il-Kbira ħdejn Villa Lia qed iressaq ilment għal *over speeding* li l-karozzi qed jgħaddu bih minn din it-triq. Huwa qal li meta l-karozzi jgħaddu mit-tieni sleeping policeman, jispidjaw it-triq kollha sa l-aħħar bi speed limit li jaqbeż il-50kmh. Għas-safety tan-nies u tfal trid isir sleeping policeman oħra jew isir sign biex is-sewwieqa nagħmluhom konxi li għandhom inaqqsu l-speed.

7.5 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li f'dan l-istadju għandha inressqu kollox meta ssir il-laqgħa ma' Dr. Maria Attard, l-MEPA u TM fuq il-Lija Plans. Is-Segretarju nfurmat li saret ir-request biex isir din il-laqgħa mal-MEPA u TM wara li Dr. Maria Attard bagħtet lista ta' nies miż-żewġ entitajiet li għandhom ikunu mistiedna. Sa l-laqgħa għamlet biss kuntatt is-Segretarja tas-Sur Sutton mit-TM fejn din qed tisuġerixxi li s-Sinjura Audrey Testaferrata De Noto tiġi mistiedna għal laqgħa bħal din. *Tentative date* għal din il-laqgħa kif kulħadd qabel hija id-29 ta' Lulju 2015 fil- 12.15p.m. Is-Segretarja tas-Sur Sutton issuġerit li nistennew ftit u naraw il-feedback ta' kull min huwa mistieden u naraw minn hemm. Problema waħda hemm li jekk din il-laqgħa ma ssirx il-Kunsill, ma tkunx tista' ssir dakinhar f'dak il-ħin.

7.6 Residenta tixtieq tagħmel request għal T sign li triq tagħlaq għaliex qiegħdin jidħlu sa ġewwa net fi Triq il-Maħlut u ma jkollhomx fejn iduru lura. s-Sinjorina Lorraine Farrugia u S-Sindku ikkonfermaw li diġa kien hemm din is-sign allura l-ewwel irid jiġi iċċekkjat jekk din is-sign għandiex hemm jew le.

7.7 Resident li joqgħod fi Triq Nazju Cortis qed jagħmel request għal motorcycle bay. Huwa qal li quddiem id-dar tiegħu, 'Getsemani' nr 28

faċilment jista' jsir dan il-parking bay. Ġie deċiż li għandha tintbagħat lit-TM għal approvazzjoni u wara ssir mill-ħaddiema tal-Kunsill billi jagħmlu mudell.

7.8 Request għal bollard ħdejn ir-rampa fuq iz-zuntier. Il-Kunsillliera staqsew jekk qatx kien hemm bollard, is-Sindku qalet li kien hemm bollard aħmar u abjad. Peress li din ir-request mhux ċara għandna nitkellmu mas-Sagristan biex jigwidana hu.

7.9 Request ta' Bandiera u pole tal-kunsill li ser jieħu ħsiebha ċ-ċittadin. Dan il-pole ser jiġi fir-roundabout ta' SMART f'Naxxar Road. Ġew ikkuntjati TM u jekk il-Kunsill jaqbel iridu nikkuntatjaw lis-Sur David Vassallo biex jagħtina *way forward* biex napplikaw permessi. Il-Kunsilliera iddiskutew fuq dan ir-request peress li dik ir-roundabout mhiex ta' Ħal Lija. Għandu jiġi ikkuntatjat il-Perit David Vassallo biex jigwidana fuq kif isiru il-permessi.

7.10 Peress li saru l-lines fi Triq Robert Mifsud Bonnici kif ġie approvat, hemm parking space li jidher li qiegħed żejjed għax meta jkun karozzi pparkjata bilfors ikollu jaqbes il-lines. Għalissa mhux ser isir xejn u naraw l-andament ta' kif imorru.

7.11 Resident qiegħed jagħmel request biex isiru double yellow lines bejn garage no.15 u 17 għaliex ġieli jipparkja motorcycle u jkun diffiċli biex joħorġu mill-garage. Dan għandu jiġi diskuss mas-Sur Muscat meta ssir il-laqgħa miegħu biex naraw jekk hux possibli.

7.12 Residenta minn Triq Gużeppi Portelli qed tagħmel request biex tikber il-yellow box quddiem il-garraxxijijet tagħha peress qed jipparkjaw xorta waħda.

7.13 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar telqgħet mill-kamra tal-Kunsill fis-18.50p.m.

## 8. KOMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERA

8.1 Is-Sur Massimo Scerri ressaq ilment li l-ilma għadu ħiereġ ħdejn iċ-ċnus li ilhu hemm u li għadu hemm. L-ilma qiegħed quddiem id-dar li jisimha St. Joseph u l-oħra jisimha il-Menqa. Irridu nirraportaw dan l-ilment lill-WSC

8.2 Huwa kompla jgħid li faċċata hemm erbgħa garraxxijiet u li dawn qed jintużaw bħala store, tnejn mill-garraxxijiet għandhom tabella ħamra tan-*no parking* u quddiem wieħed mill-garaxxijiet hemm kaxxa safra. Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li din hija kwistjoni tal-Pulizija u għandhom jirraportaw ir-residenti stess.

8.3 Is-Segretarju reġgħet staqsiet il-way forward ta' t-triq li issemmiet qabel fil-laqgħa fejn hemm dubju kif qed jintuża il-garage. Is-Sindku nfurmat li min għandu dubju għandu jirraporta hu lill-pulizija biex jiġi iċċekkjat.

8.4 Residenta minn Triq Robert Mifsud Bonnici ġiet l-uffiċċju u qed titlob zebra crossing f'din it-triq għax saret perikoluża ħafna. Is-Sindku nfurmata li din ser tigi diskussa fil pjan li għandu l-Kunsill meta niltaqgħu ma' TM, MEPA u Dr. Maria Attard.

8.5 Is-Sur Massimo Scerri ressaq ilment li ħdejn in-Nutar Pellegrini hemm tabella ta' disabilita' fejn ir-reserved m'għadix tintuża. Irid jiġi iċċekkjat mit-TM għax it-TM tapprova ir-reserved. Wara li jiġi iċċekkjat dan mit-TM inkunu nistgħu imexxu. Is-Sinjoirna Lorraine Farrugia qed tgħid li fuq din hemm kwistjoni allura it-TM iridu jiddeċiedu.

8.6 Is-Sur Massimo Scerri ressaq ilment fejn sewwieq itteħditilu l-liċenzja għax inqabad isuq taħt l-influenza tax-xorb allura qed jistaqsi jekk jistax jintuża il-parking ta' dan il-garage. Jekk il-garage għandu *no parking sign* ma jistax jintuża bħala parking xorta waħda.

8.7 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li fi Triq Merino fejn saru l-yellow lines iridu jitwaħħlu u għandha ssir ittra lir-residenti ta' dik l-area biex jirrispettaw il-parking bays għax kulħadd qed jipparkja kif ġie ġie.

8.8 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ġibdet l-attenzjoni li fil-ġnien ta' faċċata tal-Borg fi Triq Merino, hemm bżonn li napplikaw għal double lines għax meta jipparkjaw żewġ karozzi jostakolaw it-triq għax tidjieq.

8.9 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tghid li fi Triq Annibale Preca ftit l-isfel mill-kappella tal-Mirakli waqgħa ħajt. Irid jiġi ikkuntatjat is-sid biex jitellgħa dan il-ħajt.

8.10 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk il-Kunsill hux ser jiltaqa' ma' ta' drug Squad għax qed jiġu nnotati xi affarijiet. Is-Segretarju nfurmat li ser isir laqgħa tal-vice Squad mal- Kunsilli kollha. Is-Sinjorina Lorraine Farruiga għandha tgħaddi l-punti lis-Sindku meta tkun ser tattendi għal din il-laqgħa tal-Vice Squad. Jekk ma nkunx nistgħu nattendu għal din il-laqgħa għandna nitolbu għal laqgħa tal-kunsill ma' ta' Drug Squad.

8.11 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq il-ħarġiet tat-tfal u ser nagħmluhom *full cost*. Hija qed tistaqsi jekk ikunx possibli li jekk ma jinġabrux l-ammont ta' nies li jkun hemm bżonn, inkunux nistgħu nikkannċellaw din l-attivita. Hija għandha ħsieb li torganizza il-ħarġa għal Under Warter Safari u l-maximum li jistgħu jieħdu sehem huma 36 għal adulti u tfal. Jekk ma jinġabarx l-ammont ta' nies din titħassar. Min japplika irid li sa ġimgħa qabel l-attivita jiċċekkja ma' l-uffiċċju biex jara jekk l-attivita hux ser isir jew le.

8.12 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li x'aktarx ħarġet xi skema biex jitranġaw il-bjut. Fil-Housing Estate hemm iċ-ċnut li qegħdin perikolużi, u anke qed tidher ix-xibka . Għal din l-iskema milli jidher jistgħu japplikaw dawk biss li qegħdin bil-kirja biss. Irridu niċċekkjaw mal-Housing Authority fuq din l-iskema u min qiegħed bil-kera nibgħatulhom l-infomazzjoni fuq din l-iskema.

8.13 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet anke fuq il-lifts tal-Housing Estate biex dawk il-lifts li għadhom ma sarux, isiru u għalhekk

iridu niċċekkjaw mal-Housing Authority fuq din ukoll għal ġid tar-residenti.

9. TMIEM

Is-Seduta imtemmet fit-7.20 hrs b'mod unanimnu.

Magda Magri Naudi
Sindku

Georgette Borg
Segretarju Eżekuttiv